Vol 37/338



# In-Nisrani u l-kelma ta' Alla

Il-Mulej dejjem jaf jipprovdi l-meħtieġ għall-Knisja tiegħu. Fi żmien ta' ħafna ħsejjes u ta' xibka dejjem aktar sfieqa ta' komunikazzjoni, il-Mulej donnu jixtieq li aħna, l-insara tal-bidu tat-tielet millennju, insammru l-attenzjoni tagħna fuq il-Kelma tiegħu. Għalhekk huwa providenzjali s-Sinodu tal-Isqfijiet dwar il-Kelma t'Alla fil-missjoni tal-Knisja llum.

Huwa kmieni biex wieħed jagħmel bilanċ tas-Sinodu tal-Isqfijiet. Bħalma jseħħ dejjem fi ġrajjiet ekkleżjali bħal dawn, isiru ħafna diskorsi mill-parteċipanti. Ħafna mill-isqfijiet residenzjali li ħadu sehem tkellmu dwar l-esperjenza tagħhom tal-Kelma mxandra fil-komunitajiet li huma jmexxu. Wieħed għad irid jixtarr fil-fond l-interventi differenti li saru – interventi li jirriflettu d-diversita' tal-Knisja Kattolika f'kuntesti differenti madwar id-dinja.

Interessanti għal min kien preżenti kienu d-diskussjonijiet li kienu jsiru filgħaxijiet waqt il-jiem tas-Sinodu. Importanti wkoll il-frott li ħareġ miċ-ċirculi minores (jiġifieri l-workshops lingwistiċi) tal-isqfijiet u l-parteċipanti l-oħra. Nistennew bil-ħerqa l-eżortazzjoni appostolika li għad jippubblika l-Papa Benedittu. Fiha l-Papa jagħtina mhux biss resume' tat-tagħlim tal-Knisja dwar il-Kelma t'Alla, imma wkoll applikazzjoni konkreta tal-*propositiones* li ħargu frott id-diskussjoni matul is-Sinodu.

F'din il-ħarġa tar-rivista m'aħniex se noffru xi sintesi ta' dak li ħareġ mis-Sinodu. Dan jitlob aktar riflessjoni u studju. Li qed nippubblikaw għall-benefiċċju tal-qarrejja tagħna huma r-rapporti dwar żewġ interventi li nistgħu nsejħulhom partikulari ħafna – dak li sar minn esponent importanti tar-reliġjon Lhudija (ir-rabbi...), kif ukoll l-intervent li sar fil-Kappella Sistina mill-Patrijarka ta' Kostantinopli, Bartilmew I. Dawn il-paġni fihom ħafna x'wieħed jixtarr, anke għall-fatt li ġejjin minn Lhudi, u minn isqof importanti ħafna fil-Knisja Ortodossa. Qegħdin ukoll inwasslulkom l-artiklu tal-Professur Anthony Frendo – artiklu bażiku dwar x'inhi l-Iskrittura u l-atteġġjament tagħna quddiemha.

Ir-relazzjoni tagħna l-insara mal-Bibbja mhijiex waħda ma' ktieb stampat, imma ma' Persuna – fil-fatt, din il-persuna hija Ġesu' Kristu,



il-Kelma tal-Missier. Kieku nkunu aktar konxji ta' din ir-realta', naħseb li l-Kelma nisimgħuha b'aktar attenzjoni, nirrispettaw dak li tgħidilna u nfasslu l-ħajja tagħna fuqha.

Il-Kelma tinsab fiċ-ċentru tal-ħajja tan-nisrani, u fil-qalba tal-ħajja tal-Knisja. Id-dokument konċiljari Dei Verbum u dokumenti oħra li ġew wara jgħallmuna dak li hu bażiku dwar il-Kelma t'Alla u r-rwol tagħha fil-Knisja. Hija l-Kelma li tibni l-Knisja. Fil-fatt, il-Knisja tissawwar permezz tal-Kelma. Il-komunita' nisranija tinbena bis-saħħa tal-Kelma. Dan iseħħ għaliex fl-Iskrittura aħna għandna laqgħa ma' Persuna, l-Iben t'Alla.

Il-Kelma għandha l-qawwa li tibdel mill-qiegħ mhux biss l-individwi, imma l-komunita' nisranija, u saħansitra s-soċjeta'. Jibqa' jidwi l-kliem tal-profeta Iżaija: 'Bħalma x-xita u s-silġ jinżlu mis-smewwiet, u ma jerġgħux lura mnejn ġew bla ma jsaqqu l-art, imma jġegħluha tnissel u tnibbet, u tagħti ż-żerriegħa 'l min jiżra' u l-ħobż 'il min jiekol, hekk jiġri minn kelmti: hija toħroġ minn fommi, u ma terġax lura vojta, imma tagħmel dak li jogħġob lili, u ttemm dak li nkun bgħattha tagħmel' (Iż 55, 10-11).

Aktarx li ħafna minna jistgħu jixhdu għall-istejjer reali ta' individwi li nfetħu għall-qawwa tal-grazzja t'Alla permezz ta' kuntatt awtentiku mal-Kelma... għax il-Kelma għandha s-saħħa li tixlik, jiġifieri toffrilek sfida, fi kliem ieħor int issib ruħek qed tikkonfronta ħajtek ma' dak li qed jgħidlek il-Mulej fil-Kelma tiegħu. L-istess Kelma li int tkun għamilt esperjenza tagħha tagħtik il-paċi u l-fejqan li għandek bżonn.

Il-Kelma tinsab fiċ-ċentru tal-komunita'. Komunita' li temmen hija mmexxija mill-Kelma. Tieħu deċiżjonijiet pastorali skont dik il-Kelma. Nitolbu u nittamaw li l-proġetti pastorali tagħna jkunu frott ta' dixxerniment personali u komunitarju permezz tal-Kelma.

Il-Komunita' li tiltaqa' bħala assemblea liturġika tagħti importanza lill-Kelma. Hawnhekk insemmu l-importanza tal-ambone li minn fuqu tixxandar il-Kelma. Importanti li kull min iwassal il-Kelma mhux sempliċement jaqraha, imma jipproklamaha. Għandu mhux biss jaqraha b'attenzjoni minn qabel, imma jitlob fuqha. Importanti wkoll l-istat li fih inżommu l-ambone – dan mhux xkaffa ta' kotba, avviżi u folji oħrajn! Importanti wkoll l-istat li fih imżommu l-lezzjonarju u l-evanġelarju. Min jitla' jxandar il-Kelma t'Alla m'għandux jaqraha minn fuljett jew fotokopja! Dan huwa nuqqas ta' rispett lejn id-dinjita' tal-Kelma. Hawnhekk infaħħru u napprezzaw il-ħidma tal-Kummissjoni Liturġika Nazzjonali li ħejjiet u ppubblikat l-ewwel volum tal-Lezzjonarju Malti.

Għandi xorti kbira li l-Iskrittura issa ilha għal ħafna snin maqluba għall-Malti. L-Għaqda Bibblika Maltija ilha għal dawn l-aħħar ħamsin sena tagħti servizz pastorali fejn tidħol il-Kelma t'Alla. Mhux biss hija tagħraf ir-responsabilta' tagħha li ssir reviżjoni tat-test minn żmien għal żmien (ma ninsewx li ilsien ħaj jgħaddi minn tibdiliet), imma wkoll tidħol għal bosta inizjattivi li huma ta' ġid kbir – bħal Kliem il-Ħajja, u permezz ta' korsijiet differenti, bejgħ ta' għajnuniet biex wieħed jaqra u jifhem il-Bibbja, kotba b'kummentarji bibbliċi. Hawnhekk ma nistgħux ma nagħtux ġieh lil Mons. Pietru Pawl Saydon u lil Mons. Karm Sant. L-akbar monument li nistgħu ntellgħulhom huwa li nħeġġu li l-Bibbja tkun dejjem aktar f'idejn il-poplu biex tinqara.

J'Alla l-Pjan Pastorali l-ġdid tal-Arċidjoċesi u l-Viżta Pastorali tal-Arċisqof ikunu mdawlin f'kull mument mill-qawwa tal-Kelma li 'hi ħajja u qawwija, taqta' aktar minn xabla b'żewġt ixfar' (Lhud 4,12). Hekk biss iseħħ it-tiġdid spiritwali u pastorali li tant għandna neħtieġu.